**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 22 ta' Mejju, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 57/2018/1 AF**

**Alfred Degiorgio**

**vs**

**L-Avukat Generali**

**u**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**u**

**b'digriet tal-21 ta' Mejju 2018 gew awtorizzati jintervjenu fil-proceduri Dr. Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors b'urgenza ta' Alfred Degiorgio li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

1. Kontestwalment l-esponenti pprezenta rikors kostituzzjonali permezz ta' liema qed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti:

   i. Tiddikjara u tiddeciedi illi **l-Avviz Legali 198 tal-2008** u t-Taqsima II tar-**Regolamenti dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronici (Legislazzjoni Sussidjarja 440.01),** in kwantu jimplimentaw **d-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006, dwar iz-zamma ta' data generata jew processata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2202/58/KE** huma invalidi, nulli u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

   ii. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-**Avviz Legali 198 tal-2008** u t-Taqsima II tar-**Regolamenti dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronici (Legislazzjoni Sussidjarja 440.01)** jiksru l-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 11 tal-Karta tal-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea maghmula parti mill-ligi ta' Malta bis-sahha tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

   iii. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-**Avviz Legali 198 tal-2008** u t-Taqsima II tar-**Regolamenti dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronici (Legislazzjoni**

**Sussidjarja 440.01)** jiksru l-provvedimenti tal-Artikolu 15 tad-**Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Lulju 2002, dwar l-ipprocessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009 ("Direttiva 2002/58"** maghrufa bhala "E-Privacy Directive"), kif ukoll legislazzjoni ohra tal-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipprocessar ta' data personali.

iv. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-**Avviz Legali 198 tal-2008 u t-Taqsima II tar-Regolamenti dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronici (Legislazzjoni Sussidjarja 440.01)** jiksru l-garanziji kostituzzjonali u konvenzjonali, u d-drittijiet moghtija lil persuni f'Malta permezz tat-Trattati u l-legislazzjoni fuq imsemmija, kif ukoll l-Artikolu 65 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

v. Tiddikjara ghalhekk illi l-**Avviz Legali 198 tal-2008 u t-Taqsima II tar-Regolamenti dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronici (Legislazzjoni Sussidjarja 440.01)** huma invalidi, nulli u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

vi. Tiddikjara u tiddeciedi illi kull data mizmuma mill-forrnituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettronici accessibbli ghall-pubbliku jew ta' networks pubblici ta' komunikazzjoni, u kull access lill-awtoritajiet kompetenti u uzu ta' tali data hija illegali ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

vii. Tiddikjara u tiddeciedi, ghalhekk, illi kull data migbura mill-operaturi tas-servizzi ta' komunikazzjoni skond il-legislazzjoni fuq imsemmija u migbura fl-Inkjesta Dwar Spluzjoni fuq Vettura Gewwa Bidnija Road, Mosta, fejn Mietet Persuna Riekba fl-istess Vettura nhar is-16 ta'

Ottubru 2017 giet migbura illegalment u ghalhekk ma ghandha tintuza bl-ebda mod fil-kumpilazzjoni bhalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja fl-ismijiet *"Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) v. George Degiorgio et"* u fi kwalunkwe procedura ohra kontra r-rikorrenti.

viii. Tiddikjara u tiddeciedi ukoll illi l-uzu ta' tali data fi proceduri gudizzjarji li jinvolvu r-rikorrent jikkostitwixxi ukoll ksur tad-dritt fundamentali ta' smigh xieraq sancit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjonali ta' Malta.

ix. Taghti wkoll dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti, u taghti dawk id-direttivi kollha necessarji sabiex tassigura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.

2. L-intimati bi hsiebhom iressqu ufficjali inkluz mill-*Federal Bureau of Investigation* (FBI) tal-Istati Uniti bhala xhieda ta' nhar it-22 ta' Mejju 2018 li ser tinzamm quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-kumpilazzjoni fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) v. George Degiorgio et* liema xhieda kienu esperti nominati mill-Magistrat Inkwerenti fl-atti tal-inkjesta relattiva sabiex jassistu lill-istess Magistrat Inkwerenti fil-gbir ta' data elettronika fuq mobile telephony u jaghmlu l-analizi teknici fuq tali data mizmuma minn operaturi tas-servizzi ta' komunikazzjoni ghab-bazi tal-**Legislazzjoni Sussidjarja 440.01**, liema gbir ta' data u konsegwenti analizi sar illegalment kif premess ahjar fir-rikors kostituzzjonali li qed jigi pprezentat kontestwalment u li ghalih qed issir referenza.

3. Jekk kemm-il darba dawn ix-xhieda ser jigu permessi illi jixhdu d-drittijiet tal-esponenti ser ikomplu jigu miksura.

4. Dina l-Onorabbli Qorti ghandha s-setgha u l-obbligu illi thares id-drittijiet tal-esponenti u li tali drittijiet ma jkomplux jigu miksura.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

(i) Tappunta dan ir-rikors ghas-smigh b'urgenza u b'dispensa tal-granet tas-Sibt u l-Hadd;

(ii) Tilqa' t-talba hawn taht kontenuta f'paragrafu (iii) provizorjament sakemm jinghata provvediment finali fuq l-istess;

(iii) Taghti provvediment *interim* fis-sens illi tordna illi l-ufficjali tal-*Federal Bureau of Investigation* (FBI) ma jixhdux fl-atti tal-kumpilazzjoni waqt is-seduta ta' nhar it-22 ta' Mejju 2018 li ser tinzamm quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja fil-kumpilazzjoni fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) v. George Degiorgio et* u fi kwalunkwe seduta sussegwenti sakemm tinghata decizjoni finali dwar ir-rikors kostituzzjonali ipprezentat kontestwalment;

U dana taht dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija wara t-talba ghall-hrug ta' mizura provvizorja fejn gie sottomess:

Illi l-esponenti gie notifikat b'rikors intavolat minn Alfred Degiorgio fit-18 ta' Mejju 2018 f'liema rikors dina l-Onorabbli Qorti qed tintalab sabiex *"taghti provvediment interim fis-sens illi tordna illi l-ufficjali tal-Federal Bureau of Investigation (FBI) ma jixhdux fl-atti tal-kumpilazzjoni waqt is-seduta ta' nhar it-22 ta' Mejju 2018 li ser tinzamm quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja fil-kumpilazzjoni fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) v. George Degiorgio et u fi kwalunkwe seduta sussegwenti sakemm*

*tinghata decizjoni finali dwar ir-rikors kostituzzjonaliipprezentat kontestwalment".*

L-esponenti qed jopponu ghat-talba kif dedotta fir-rikors in risposta ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi t-talba tar-rikorrenti ma hi xejn hlief abbuz ta' procedura u dan peress illi dina t-talba kif maghmula mir-rikorrenti hija identika ghall-istess talba li saret fl-atti tal-kawza kostituzzjonali fl-ismijiet "*Alfred Degiorgio vs Avukat Generali*" (rikors kostituzzjonali 53/2018LSO fejn l-istess rikorrenti talab lil dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta sabiex tohrog mizura provvizzorja sabiex twaqqaf milli jixhdu l-ufficjali tal-FBI pendenti l-ezitu tal-proceduri kostituzzjonali. Illi dak ir-rikors kostituzzjonali gie trattat estensivament mill-partijiet u dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta ddifferiet it-talba sabiex jinghata digriet *in camera*.

   Illi r-rikorrenti donnu qieghed jittenta jiehu cans iehor sabiex iwaqqaf lill-ufficjali tal-FBI milli jiddeponu fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2018 u dan billi istitwixxa proceduri kostituzzjonali ohra sabiex jerga' jirriproponi t-talba ghall-hrug ta' mizura provvizorja sabiex jittenta jwaqqaf lil dawn l-ufficcjali milli jixhdu fil-kumpilazzjoni.

   Illi dan il-fatt wahdu ghandu jwassal lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talba ghall-hrug tal-mizura provvizorja mitluba u dan stante li huwa car li r-rikorrenti qieghed jabbuza mill-procedura billi jintavola multiplicita' ta' kawzi kostituzzjonali b'riferenza ghall-istess kumpilazzjoni u kontestwalment jintavola talba ghat-twaqqif tal-prossegwiment tal-kumpilazzjoni. Tajjeb li jinghad li s'issa r-rikorrent intavola tlett talbiet ghall-ghoti ta' mizura provvizorja tnejn minnhom jirreferu ghall-ufficcjali tal-FBI u iehor li jirriferi ghall-espert Martin Bajada.

2. Illi t-talba tar-rikorrenti hija wkoll abbuziva stante li qieghdha tittanta twaqqaf ezekuzzjoni ta' Digriet tal-Magistrat Inkwerenti li kien ikkonfermat mill-Qorti tal-

Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fejn hatret bhala esperti lil dawn l-ufficcjali u r-rikorrenti minflok ma oggezzjona ghat-termini tal-hatra taghhom quddiem il-forum kompetenti, minflok qieghed jabbuza minn dina l-procedura *ad hoc* billi 'jappella' minn Digriet tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi certament illi mizuri provizjorji mhumiex intizi sabiex iservu sabiex jistultifikaw ezekuzzjoni ta' Digrieti moghtija minn qrati ohra izda huma mizuri ta' natura kawtelatorja.
Illi certament allegazzjoni *ex parte* illi sar ksur ta' dritt fundamentali ma hijiex ekwivalenti ghal sejbien gudizzjarju ta' ksur ta' drittijiet fundamentali, u hija ghal kollox inkompatibbli mas-serjeta' tal-process gudizzjarju u l-finalita illi Digriet jinzamm milli jitwettaq ghax xi hadd jallega li kien hemm ksur ta' drittijiet fundamentali.

Fil-fehma tal-esponenti, sentenzi li Digrieti ghandhom jitqiesu li jiswew u li nghataw *rite et recte* sakemm ma jintweriex mod iehor.

3. L-esponenti jissottometti illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti qieghed jaghmel l-almu tieghu sabiex jittenta li b'mod indirett iwaqqaf milli l-kumpilazzjoni fil-konfront tieghu tinghalaq. Illi dina l-manuvra iddisprata da parti tar-rikorrenti certament qieghdha ssir sabiex jittenta jwahhal il-kumpilazzjoni oltre l-ghoxrin xahar li ghalih jaghmel riferenza l-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) li jirrapprezenta l-perjodu massimu fejn persuna tista' tibqa' f'arrest preventiv u dan ghal ragunijiet li huwa biss jafhom. Certament li dina l-Onorabbli Qorti meta tkun qieghdha tqis it-talba kif dedotta fir-rikors in risposta ghandha zzomm l-fatturi kollha quddiem ghajnejha kif ukoll l-intenzjoni tar-rikorrenti li jtawwal kemm jiflah il-kumpilazzjoni. Wiehed isaqsi, ghaliex ma talabx ir-rikuza tal-espert quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja izda qieghed jaghmel dina t-talba quddiem Qorti munita b'gurisdizzjoni kostituzzjonali ? Illi dan sar ghaliex ir-rikorrenti huwa konsapevoli li qieghed jipprova jisposta t-twaqqif tal-proceduri tal-kumpilazzjoni fuq dina l-Onorabbli Qorti.

Illi wiehed ma jridx jinsa wkoll li fil-proceduri odjerni dak li ghandha quddiemha dina l-Onorabbli Qorti huwa biss allegazzjoni ta' ksur ta' dritt u li abbazi ta' allegazzjoni certament li r-rikorrenti ma jistax jippretendi li dina l-Onorabbli Qorti tinjora Digriet moghti mill-Qrati muniti b'gurisdizzjoni Kriminali

4. L-esponenti jissottometti wkoll illi l-ghoti ta' ordni provvizzjorja trid tigi kkunsidrata tenut kont tal-artikoli partikolari li minnhom ikun qed jillanja l-individwu u dan peress li l-ghoti ta' tali mizuri huwa ezercizzju eccezzjonali u straordinarju. Kemm il-Qrati nostrani kif ukoll il-Qorti Ewropeja jinterpretaw kwistjonijiet ta' *interim measures* b'mod ristrett ghall-ahhar u jikkoncedu tali mizuri biss f'cirkostanzi li jirrigwardaw sitwazzjonijiet estremi ta' allegata vjolazzjoni tad-dritt ghall-hajja u ta' trattament inuman u degredanti izda tali allegazzjonijiet huma cirkoskritti ghall-kuntest ta' estradizzjoni, deportazzjoni u espulsjoni. Issir riferenza ghall-provvediment moghti fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Caruana vs L-Avukat Generali** deciza fit-23 ta' April 2003 fejn gie osservat illi '*interim relief jinghata meta "there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm" u generalment jinghata f'kazijiet fejn hemm "an alleged risk to life or ill treatment" fosthom kazijiet ta' deportazzjoni u espulsjoni ghal stati fejn ir-risku ghall-hajja huma kbar hafna. "Matters of detention, interference with property rights" m'humiex fost il-kazijiet fejn jinghata interim relief'.*

Illi mir-rikors in risposta jidher li l-kaz odjern ma jinkwadrax ruhu taht allegata lezjoni tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni u ghal dak li jirrigwarda l-allegata lezjoni tal-l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni l-lament tar-rikorrenti mhux qed isir f'kuntest ta' estradizzjoni, deportazzjoni jew espulsjoni.

5. Illi recentement, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Joseph Camilleri vs Avukat Generali** deciza fl-1 ta' Lulju 2013 ghamlet referenza ghall-pubblikazzjoni **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** ta' Van Dijk u Van Hoof (raba' edizzjoni 2006,

pagna 113) josservaw illi "*In the majority of cases the interim measures are taken seriously by the national authorities. In fact it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated: the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or to the progress of the examination. Such would be the case, for instance, if an expulsion threatens to constitute a violation of Article 3 of the Convention, in view of a serious risk that the person concerned will be exposed to torture or inhuman treatment or punishment. In that case a stay of expulsion may be requested until the Court has had the opportunity to investigate the case. However, it will do so only if there is a high degree of probability that a violation of Article 3 is likely to occur. This requires that the applicant state his case in a convincing manner and possibly also presents some evidence showing the danger to life or limb to which he may be expelled or extradited to a particular country. It is not sufficient for the applicant to provide information about the danger or uncertain situation in the country of destination and/or his being an opponent of the ruling Government'.* Illi dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta cahdet talba ghall-iskarcerazzjoni pendenti proceduri kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **George Pace vs Avukat Generali** u ghall-istess konkluzjoni waslet dina l-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et**.

L-esponenti jirreferu ghall-provvediment moghti fid-19 ta' April 2016 minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta, fuq talba ghall-iskarcerazzjoni li saret fil-kors ta' proceduri kostituzzjonali wara li persuna kienet giet ordnata tiskonta sentenza ta' habs liema sentenza kienet ghaddiet in gudikat, fl-ismijiet **Stephen Pirotta vs L-Avukat Generali et** (rikors kostituzzjonali numru 13/16JRM) fejn gie osservat illi "*Illi l-Qorti tqis li, ladarba hemm sentenza li saret gudikat, din ghandha l-effett li tistabilixxi fatt acertat ghaliex ir-regola f'kull ordinament li*

*jissejjes fuq is-saltna tad-dritt hi li sentenza 'pro veritate habetur'. Tqis ukoll li sentenza tista' titwaqqa biss b'sentenza ohra u mhux b'allegazzjoni dwar is-siwi taghha, u sakemm ma tinghatax sentenza bhal dik, is-sentenza tibqa' tghodd. Illi r-rikorrent ma ta lil din il-Qorti ebda raguni minn dawn imsemmija hawn fuq ghalfejn il-mizura minnu mitluba ghandha tintlaqa' f'dan l-istadju tal-kawza. U l-Qorti ma qieghda tara l-ebda cirkostanza li tohrog mill-atti tal-kawza li twassalha biex taghti dak ir-rimedju".*

Dan attiz, jekk il-Qorti Kostituzzjonali f'kaz ta' pesuni li potenzjalment kienu qed ihabbtu wicchom sahansitra ma' piena ta' ghomor fil-habs, fl-ipotezi ta' sejbien ta' htija tal-akkuzi deddotti kontra taghhom, kienet irrezistiet talba li tordna s-sospensjoni tal-proceduri kriminali ghax qieset li ma kinux jezistu l-estremi ta' hrug ta' mizuri provvizorji, allura bl-istess kejl m'ghandux ikun hemm lanqas farka ta' ezitazzjoni li f'dan il-kaz ghandu jigi michud ir-rimedju provvizorju mfittex mir-rikorrent.

6. Illi fil-kaz odjern ma hemmx cirkostanzi daqshekk gravuzi li jimmilitaw favur il-hrug ta' mizura provvizorja ghaliex ma hemmx kwistjoni ta' theddida fuq il-hajja jew l-inkolumita' fizika tar-rikorrenti f'kuntest ta' estradizzjoni jew deportazzjoni. Kif diga' intqal aktar il-fuq il-lanjanzi tar-rikorrenti huma msejsa fuq ben altru liema lanjanzi huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt. Illi in oltre, bit-talba tieghu, ir-rikorrenti donnu qed jassumi li ser tintstab lezjoni u li fost ir-rimedji li ser jinghata ghal tali vjolazzjoni hemm it-thassir tan-nomina tal-espert. Illi certament li l-ghoti ta' mizuri provvizzjorji ma jirravvizawx tali raguni ghall-ghotja taghhom izda jinghataw biss sabiex jissalvagwardjaw u jipprotegu l-inkoluminita' fizika tal-individwu f'kuntest ta' estradizzjoni, deportazzjoni u espulzjoni.

7. Illi minghajr pregudizzju ghal dak li diga' ntqal aktar il fuq f'din ir-risposta, fil-fehma tal-esponenti t-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta' mizura provvizzorja tirrifletti dak li qieghed jintalab fit-talba mmarkata bhala paragrafu

(viii) tar-rikors promotur. Illi abbazi ta dan il-fatt biss it-talba ghall-hrug tar-rimedju provvizorju u cioe li t-talba ghall-hrug tar-rimedju provvizorju tirrispekkja it-tmien talba fir-rikors promotur ghandha tigi michuda. Illi dak li qed jintalab fir-rikors promotur ir-rikorrenti huwa essenzjalment li ma tigi bl-ebda mod uzata d-data migbura. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-provvediment fl-ismijiet **Mario Borg vs L-Avukat Generali** (rikors kostituzzjonali 43/2016JRM) tal-14 ta' Gunju 2016 fejn il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sede kostituzzjonali taghha cahdet talba ghall-hrug ta' mizura provvizorja wara li osservat illi "*terga' u tghid, wahda mit-talbiet ewlenin tar-rikorrent fil-kaz tal-lum (l-ewwel wahda fir-rikors promotur) hija li din il-Qorti tordna li r-rikorrent jinheles mill-habs. Bit-talba li qieghed jaghmel f'dan ir-rikors ghall-ghoti ta' rimedju provvizorju, il-Qorti qieghda effettivament tintalab tiddeciedi l-mertu tal-imsemmija talba qabel ma l-kaz ghadu gie trattat quddiemha".*

Illi jsegwi ghalhekk li t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors in risposta ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Tant ghandu x'jissottometti l-esponenti ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti in risposta ghat-talba maghmula mir-rikorrenti fir-rikors tieghu tat-18 ta' Mejju 2018.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Mejju 2018 li permezz tieghu gew awtorizzati jintervjenu f'dawn il-proceduri l-Avukat Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghal-lum ghal decizjoni.

Ikkunsidrat illi Karen Reid, fil-ktieb "A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights" (pagna 20) issostni:

*"As a general practice, measures (riferibbilment ghal interim relief) are applied only where there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb … While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may be arguably be of an irreparable nature, r.39 (riferribbilment ghar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR) has not been applied save in a few exceptional cases."*

Ikkunsidrat illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-"Factsheet" mahruga minnha dwar "Interim Measures" tqis dan ix-xorta ta' rimedju bhala eccezzjonali u tiddeskrivi hekk:

*"Interim measures are urgent measures which, according to the Court's well-established practice, apply only where there is an imminent risk of irreparable harm. Such measures are decided in connection with proceedings before the Court without prejudging any subsequent decisions on the admissibility or merits of the case in question. In the majority of cases, the applicant requests the suspension of an expulsion or an extradition. The Court grants such requests for an interim measure only on an exceptional basis, when the applicant would otherwise face a real risk of serious and irreversible harm … In practice, interim measures are applied only in a limited number of areas and most concern expulsion and extradition. They usually consist in a suspension of the applicant's expulsion or extradition for as long as the 3 application is being examined. The most typical cases are those where, if the expulsion or extradition takes place, the applicants would fear for their lives (thus engaging Article 2 of the Convention) or would face ill-treatment prohibited by Article 3 (prohibition of torture or inhuman or degrading treatment). More exceptionally, such measures may be indicated in response to certain requests concerning the right to a fair hearing (Article 6 § 1) and the right to respect for private and family life (Article 8)."*

Kif osservat il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza Rosette Thake et vs Prim Ministru et (Atti tar-rikors 50/16/1 JRM):

*"biex jista' jinghata rimedju provvizorju, jehtieg li min jitolbu juri li hemm kaz prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-ghoti tal-mizura provvizorja serja ggib hsara li ma titreggax lura fil-kaz tieghu.*

*"Minhabba f'hekk, l-ghoti ta' provvediment provvizorju f'kawza ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew cirkostanzi eccezzjonali li jaghmluh mehtieg"* ara Daniel Alexnader Holmes vs Avukat Generali et – digriet P.A. kostit. AE 16.04.2014

Illi fil-kawza **Emmanuel Camilleri v Spettur Louise Calleja et** (PA (Kost), din il-Qorti kif divesament presjeduta enuncjat il-principji legali u dottrinali li ggwidaw il-Qrati taghna fil-materja ta' *interim relief*:-

*"Illi s-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f'kawżi ta' għamla Kostituzzjonali mhumiex imfissrin b'mod eżawrjenti f'xi dispożizzjoni partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ;*

*Illi hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwestjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għallpressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet*[1]*;*

*Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment*[2]*. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ*

[1] Ara provvediment P.A. (Kost.) AJM 5.10.1999 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Gauci et vs Avukat Generali et**

[2] Q.E.D.B. 6.2.2003 fil-kawza fl-ismijiet **Mamatkulov et vs Turkija** (Applik. Nru. 46837/99) § 110

*'prima facie' ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas talgħoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu. Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ*[3]*;*

*Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u blebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha.*

*Illi għalkemm huwa minnu, kif jallegaw l-intimati, li l-għoti tal-provvediment provviżorju quddiem il-Qorti ta' Strasburgu taħt ir-regolament* ***39 tar-Regoli tal-Proċedura*** *ta' dik il-Qorti jkun bosta drabi marbut ma' ksur ta' jedd taħt l-artikolu 2 jew l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni*[4]*, ma hemm l-ebda dispożizzjoni li tillimita l-għoti ta' provvediment bħal dak biss għall-imsemmija żewġ artikoli. Kemm hu hekk, kien hemm każijiet fejn l-għoti ta' provvediment ingħata wkoll waqt proċeduri li kienu jirrigwardaw ukoll ilment ta' ksur tal-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni."*[5]

Kif ritenut in materja mill-awturi van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak[6]:

---

[3] Deg P.A. (Kost.) AE 16.4.2014 fil-kawza fl-ismijiet Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et.

[4] Ara K Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit, 2007) § 1.021, p. 20 iccitat post

[5] Ara Ordni Interim Q.E.D.B. 30.11.1999 fil-kawza Ocalan vs Turkija (Applik. 46221/99)

[6] 2 Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Raba` Edizzjoni – 2006)

*"… it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated: the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination. … such would be the case, for instance, if an expulsion threatens to constitute a violation of article 3 of the Convention, in view of a serious risk that the person concerned will be exposed to torture or inhuman treatment or punishment. In that case a stay of expulsion may be requested until the Court has had the opportunity to investigate the case. However, it will do so only if there is a high degree of probability that a violation of article 3 is likely to occur. This requires that the applicant states his case in a convincing manner and possibly also presents some evidence showing the danger to life or limb to which he may be subjected if expelled or extradited to a particular country. It is not sufficient for the applicant to provide information about the danger or uncertain situation in the country of destination and/or his being an opponent of the ruling Government."*

Illi il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet hekk fil-kaz Angelo Frank Paul Spiteri v L-Avukat Generali (9 ta' Jannar 2017):

*"Fl-ewwel lok jigi ribadit minn din il-Qorti li f'materja tal-hekk imsejjha interim measures huwa car l-insenjament ta' din il-Qorti li tali mizuri ghandhom jittiehdu biss f'kazijiet ta' urgenza u sahansitra f'kazijiet ta' "urgenza estrema" fejn innuqqas ta' tehid ta' tali mizuri jirrizulta, jew jazzarda li jirrizulta, fi hsara irreparabbli ghall-interessi vitali tal-parti koncernata jew ghall-perkors tal-ezami li l-Qorti jkun jehtigilha taghmel. Din il-Qorti rriteniet ukoll li mizuri ad interim huma indikati f'kazijiet ecezzjonali. [Q. Kost.* ***Federation of Estate Agents v. Direttur Generali [Kompetizzjoni****, deciza 25 ta' Settembru, 2014)."*

Il-Qorti qieset il-fattispecie tal-proceduri li ghandha quddiemha fid-dawl tas-succitat insenjament, li minnu johorgu iz-zewg rekwiziti essenzjali sabiex din il-Qorti tghaddi biex taghti

rimedji *ad interim* kif mitlub, u cioè l-ksur *prima facie* u l-hsara irrimedjabbli.

It-talba principali tar-rikorrenti f'dawn il-proceduri hija sabiex tiddikjara invalidi dawk ir-regolamenti li, a tenur taghhom tinzamm id-data tal-komunikazzjoni mill-fornituri tas-servizzi tat-telefonija. Ir-rikorrenti jsostni li galadarba dawn ir-regolamenti huma invalidi (skond huma), ebda data mizmuma in forza taghhom m'ghandha tifforma parti mill-assjem tal-provi li qed jigu migbura mill-Magistrat. Ghalhekk ir-rikorrenti jsostni li m'ghandhomx jixhdu ufficcjali tal-F.B.I.

Ir-rikorrenti jsejjes it-tezi tieghu fuq decizjonijiet tal-Qorti Ewropea, u partikolarment il-kawza C293/12 u C594/12. Il-Qorti, madankollu tqis li mad-daqqa t'ghajn, ir-rikorrenti m'ghandux ragun. Id-decizjoni tal-Qorti Ewropea minnu citata kienet tittratta l-validità ta' direttiva u mhux regolament direttament applikabbli f'Malta. Ta' min jonnota wkoll li l-fuq citata decizjoni qieset fondamentali l-konsiderazzjoni tal-proporzjonalità fil-kuntest diskuss. Ukoll, fl-istess gurisprudenza citata mill-abbli difensur tar-rikorrenti (ara 203/15) saret konsistentament eccezzjoni ghall-istharrig ta' reati serji. Ir-rikorrenti donnu jinjora l-eccezzjoni maghmula mill-Qorti Ewropea ghall-investigazzjoni u prosekuzzjoni ta' reati serji (para. 42 sa 44). Il-kaz odjern, fil-fehma tal-Qorti, jista' jitqies li jaqa' f'dawn il-parametri.

Inoltre, l-intimati u l-intervenuti jsostnu li fil-kumpilazzjoni ix-xhieda li qed tintalab li tingieb dwar il-komunikazzjonijiet elettronici ta' rilevanza tidher li qed tintalab a tenur tal-Art. 554 tal-Kap. 9. Il-Qorti tinnota fil-kuntest illi l-ilment tar-rikorrenti ghandu l-pern tieghu fir-regolamenti li jirregolaw iz-zamma tad-data u ghalhekk l-ammissibilità o meno tax-xhieda.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tqis li f'dan l-istadju u mad-daqqa t'ghajn, ma jidhirx li r-rikorrenti ghandu ragun f'dak li qieghed isostni. Il-Qorti tenfasizza li ma hija bl-ebda mod tghaddi gudizzju finali dwar l-allegazzjonijiet stante li tqis li dan jesigi essenzjalment skrutinju ferm aktar intensiv minn dak li jippermettu dawn il-proceduri.

Stabbilita din il-mankanza ta' dritt *prima facie*, u tenut kont tal-htiega ta' sodisfazzjon taz-zewg rekwiziti li ghalihom il-Qorti rreferiet aktar 'il fuq, il-Qorti tista' tieqaf hawn. Madanakollu, tqis li ukoll ghaqli li tghaddi biex tikkonsidra l-pregudizzju li jista' jsofri r-rikorrenti kemm il-darba din il-Qorti ma tilqax it-talbiet tieghu u jghaddu biex jixhdu l-ufficcjali tal-F.B.I. fil-kumpilazzjoni.

Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghall-htiega konsistentement rikjesta mill-gurisprudenza li r-riskju li jinhtieg li jintwera ghandu jkun riskju reali u tangibbli. Issa din il-Qorti taghraf li l-istadju tal-proceduri fil-konfront tar-rikorrenti ghadu bikri, ir-rikorrenti jkollu kull jedd li, permezz tal-eccezzjonijiet tieghu imressqa skond il-ligi fl-istadju opportun li jikkontesta l-ammissibilità ta' kull prova li tingieb kontrih.

Ukoll, f'kaz ta' decizjoni finali ta' din il-Qorti li tkun favorevoli ghar-rikorrenti, huwa jkun jista' dejjem jitlob l-isfilz ta' kull prova li tkun qed tingieb fil-konfront tieghu abbazi ta' regolamenti invalidi. Ghalhekk, fic-cirkostanzi il-Qorti ma tqisx li tezisti possibiltà ta' pregudizzju rrimedjabbli. Ir-rikorrenti dejjem jibqalu r-rimedju ta' talba ghal sfilz tax-xhieda lamentata.

Ghaldaqstant il-Qorta taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba, tichad it-tieni talba u tichad it-tielet talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG